# Sfidi ta’ Żminijietna fit-Talb

Novembru 2024

Merħba! Il-Papa jistieden lill-bnedmin ta’ rieda tajba sabiex ningħaqdu flimkien u nitolbu **sabiex il-ġenituri kollha li jibku t-telfa ta’ binhom jew ta’ binthom isibu għajnuna mill-komunità tagħhom u jirċievu l-paċi tal-qalb mill-Ispirtu tal-faraġ.**

**Ninġabar:**

Insib post għall-kwiet u niftakar f’dawk il-ġenituri li jibku t-telfa ta’ binhom jew binthom. Naħseb fuq ix-xokk, l-ansjetà, il-vojt, il-qsim ta’ qalb u d-dulur bla qjies li għaddejjin minnu.

**Fatt ċkejken:**

Ftit wara li welldet lil bintha, Roża ma setgħetx taqla’ għajnejha minn fuq din it-tarbija rieqda fil-benniena. Qatt ma kienet rat kreatura daqshekk sabiħa. Roża u r-raġel tagħha, Pawlu, ħassew li rċevew barka speċali u bilkemm setgħu jemmnu li kienu parti minn dan il-miraklu.



Iżda, jaħasra, ġurnata wara l-ħajja ħadet direzzjoni li Roża u Pawlu qatt ma kienu jistennewha. Wara t-testijiet tas-soltu, l-istaff mediku wera tħassib serju. Sar eżami aktar dettaljat u d-dijanjosi kienet ċara. It-tarbija twieldet b’difett f’qalbha li ma setax jitfieq u fi ftit sigħat kienet se tmut. Kif it-tim mediku taw l-aħbar lill-ġenituri, Roża u Pawlu tfarrku. Kienet l-aktar aħbar kerha li qatt irċevew. Kif jista’ jkun li t-tarbija ser tittieħed minn magħhom daqshekk malajr? X’se jiġri mill-proġetti u l-ħolm li kellhom għaliha? Madankollu, fost tant uġigħ u dmugħ, kienu jafu li Alla kien viċin tagħhom aktar milli qatt qabel. Il-ħbieb u tal-familja wennsuhom u talbu għalihom. Min-naħa tagħhom Roża u Pawlu daru fuq l-Ispirtu s-Santu għall-qawwa u biex jimla l-vojt tat-telfa ta’ binthom il-għażiża waqt li tennew kemm-il darba, “Ikun li trid int...”

**Naħseb ftit:**

Il-ġenituri li sofrew it-telfa ta’ xi wieħed jew waħda minn uliedhom, isibu l-faraġ u t-tama fit-talb u fis-sapport. Nirrifletti kif nista’ noffri t-talb u l-wens lill-ġenituri li għaddejjin minn żmien ta’ luttu.

**Nitlob:**

Missier Alla, agħmel li l-ġenituri kollha li jibku t-telfa ta’ uliedhom, isibu l-kuraġġ, il-qawwa u l-faraġ Fik, fil-familja u fil-ħbieb tagħhom.

**Kliem ta’ dawl:**

Meta titlef xi ħaġa teħodhiex b’telfa; ilqagħha bħala rigal li jieħdok fit-triq li kienet magħżula għalik

*Limitless Victory quotes*

**X’nista’ nagħmel:**

Il-ġenituri li tilfu ‘l uliedhom għandhom bżonn tal-ħbieb u tal-familja aktar minn qatt qabel. Nara kif nista’ nkun qrib ta’ dawn il-ġenituri u noffrilhom it-talb, il-wens u l-għajnuna tiegħi.